MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Avviz Numru. 287/2005

**Noel Fenech (ID Card 17383M)**

**Vs**

**Paul P. Farrugia (ID 11644M) f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom tas-socjeta' Engineering and Technology Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istess attur dik is-somma li din il-Qorti, ai termini ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni, riparazzjoni u kumpens tal-malafama li huwa sofra meta allega bil-miktub komunikat fuq dokument ufficjali (kopja annessa bhala Dok A) li l-attur wettaq approprjazzjoni indebita u frodi, liema allegazzjoni ttellef jew tnaqqas l-unur u l-fama ta' l-attur jew altrimenti tesponieh ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Mejju 2005 (Dok B) u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat li l-pretenzjoni ta' l-attur ma teccedix il-hamest elef lira (Lm5,000).

Rat id-dokument anness mal-istess avviz u markat Dok A a fol 2 tal-atti kif ukoll l-ittra annessa ukoll a fol 3 tal-atti u markata Dok B.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 10 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi, in linea preliminari l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-istess attur stante li mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjoni attrici kellha tigi promossa kontra s-socjeta Engineering & Technology Limited ossija ma' min kien impjegat l-istess attur.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-eccipjent ma kkommetta l-ebda malafama fil-konfront tal-attur, izda semplicement irraporta dak li l-istess attur ikkommetta fil-konfront tal-eccipjent.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet moghti fil-31 ta' Ottubru 2005 a fol 13 u fol 14 tal-atti.

Rat ukoll in-nota tas-socjeta' konvenuta a fol 18 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-attur xehed (fol 21, fol 39, fol 43, fol 58 u fol 63) illi hu kien impjegat mas-socjeta' konvenuta bhala 'technician' u kien dam f'dan l-impjieg ghal madwar xahar u nofs. Waqt l-istess impjieg hu kien fforma kumpanija registrata taht l-isem 'Global Engineering Limited' u meta dan il-fatt gie skopert, hu kien tkecca mill-impjeg mill-istess konvenut u dan minghajr pre-avviz. Sussegwentement meta hu kien mar skond il-'Kummissjoni dwar Impjiegi u Stharrig' sabiex jigbor id-dokument maghmul bhala 'Dettalji tal-Impjegat', esebit, in foto kopja, a fol 2 tal-atti, hu kien sab illi l-konvenut kien iddikjara li hu kien tkecca minhabba '<u>misappropriation and fraud</u>'. Dwar dan, l-attur cahad li kien ikkommetta dawn id-delitti. In <u>kontro ezami</u>, waqt li kkonferma li l-konvenut pro et nomine kien baghtu sabiex jattendi kors ta' specjalizzazzjoni f'Malta waqt l-impjeg tieghu anzi fl-ahhar jum tal-impjieg tieghu, hu kien, ukoll, irregistra kumpanija bl-isem ta' Global Engineering Ltd fl-4 ta' Frar , 2005 in konnessjoni ma '… in generali affarijiet ta' l-elettriku' u '… fuq hafna attivitajiet kemm jista' jkun' minghajr ma, skond hu, uza l-istess 'format' ta' dik konvenuta. In rigward l-istess punt hu sostna li '…ma niftakarx li jiena uzajt il-'fax machine' tal-konvenut nomine sabiex f'isem il-kumpanija tieghi naghmel offerti ghal 'tenders' barra minn Malta. Inoltre, l-konvenut kien jibghata sabiex jgib 'tender documents' mill-klijenti tal-istess konvenut pro et nomine principalment il-Korporazzjoni Enemalta u l-istess dokumenti kien juzahom '… ghax-xoghol tal-konvenut. Pero '… Jiena ukoll kont nixtri t-'tender documents' u dawn '… li kont nuza jien kont nixtrihom u mhux nikkupjhom fuq dawk li kont ingib ghal konvenut' Hu stqarr illi kien minnu li hu kien akkwista dokument bhal dan '… ghal wiehed li kien ser japplika l-konvenut pero ma tfajthiex tieghi'. Inoltre hu ma 'ftakarx' jekk id-ditti msemmijin fix-xhieda tieghu kienu 'suppliers' tieghu izda qal ukoll 'Jiena ma kontx nuza l-istess 'suppliers' tal-konvenut' u, bhala computer' kien jaghmel uzu ta' dak appartenenti lilu. Hawnhekk, waqt il-kontro esami ulterjuri, a fol 59 ibid, hu gie muri id-dokument enumerat 01 annessa mal-'affidavit' sottomess mill-konvenut pro et nomine u hu kkonferma li dan id-dokument ossija 'tender' hu intestat fuq is-socjeta' registrata minnu li d-dettalji fuq dan id-dokument kienu

kollha kemm huma jew mnizzlin minnu u kien intbaghat minnu lid-ditta barranija hemm imsemmija fl-20 ta' Jannar 2005. Difatti 'Ma nahsibx li din kienet l-ewwel darba li applikajt barra minn Malta ghal 'tender' u 'Qabel dan it-'tender' kont applikajt ghal xi 'tenders' ohrajn, pero, fis-suq lokali per ezempju ma l-'Enemalta' u dan kollu meta kien ghadu impjegat mal-konvenut pro et nomine. Inoltre ' Jista' jkun li l-konvenut kien applika ghall-istess 'tenders' li jien applikajt ghalihom ukoll 'Anzi wara hu kien ikkonferma dan tal-ahhar bhala fatt u kien japplika ghall-istess 'tenders' li ghalihom kien applika l-istess konvenut pro et nomine, izda' s'intendi, f'isem is-socjeta' registrata fuq ismu. Fi kliemu stess 'nghid, pero, jiena kont qed nikkompeti mal-konvenut ghat-'tenders' pero mhux fil-hin ta' l-ufficju'.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenut <u>pro et nomine</u> issottometta '<u>affidavit</u>' b'diversi dokumenti (fol 28 ibid) u fih spjega li meta kien impjega lill-attur, kien spjega lil dan illi kien ser jkun involut f'xoghol ta' natura konfidenzjali u ta' fiducja u li l-attur ma setax jinvolvi ruhu f'attivitajiet tal-istess generu jew jikkompeti mal-attivista tas-socjeta' konvenuta. Pero jidher li l-attur ma kienx ottempra ruhu ma dan l-obbligu u difatti fl-4 ta' Frar 2005, il-konvenut kien skopra ittri mibghutin f'isem is-socjeta' registrata mill-attur u li kienu ikkupjati, kelma b'kelma, minn ittri mibghutin mill-istess konvenut pro et nomine, lis-'suppliers' tas-socjeta' 'Engineering and Technology Ltd'. Ghalhekk fil-fehma tieghu, l-attur kien approprja ruhu minn informazzjoni u 'know how' fdati fih. Inoltre ma dawn id-dokumenti kienu instabu 'fotokopji tal-'memorandum' u 'articles of Association' tas-socjeta' konvenuta (ara ukoll id-dokumenti annessi mal-istess 'affidavit'.

<u>Ikkunsidrat</u>

Mill-provi kif hawn fuq esposti jidher b'mod car illi l-attur uza l-impjieg tieghu sabiex jkollu access ghal informazzjoni konfidenzjali sabiex juza din ghall-iskopijiet tieghu u ta' vantagg ghalih innifsu. Dan hu kaz car ta'

persuna li kienet qed tagixxi 'in mala fede' fil-konfront tal-'employer tieghu' anzi qed tagixxi kontra l-interessi tal-istess 'employer'.  Fuq din il-bazi it-tkeccija mill-impjieg tieghu tidher li kienet pjenament gustifikata.

Ikkunsidrat

Illi fid-dokument esebit a fol 2 tal-atti jinghad li l-attur kien tkecca mill-impjieg tieghu minhabba 'approprazzjoni bla jedd' ossija 'indebitata' u 'frodi'.  Dwar dawn id-delitti jigi rilevat illi dawn ma jistghux jissusistu flimkien anzi wiehed jeskludi l-iehor minhabba l-elementi differenti li jikkostitwixxu dawn id-delitti, fil-kamp kriminali, skond l-artikolu 293, 294, 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. Certament, l-aggir tal-attur ma jammontax ghal truffe jew 'frode innominato'.  Pero, in rigward 'approprjazzjoni indebita' issija 'bla jedd', dan id-delitt javvera ruhu meta persuna ddawwar bi profit ghaliha, haga ta' haddiehor u li tkun giet fdata jew konsenjata lilha taht titolu li jsir uzu minnha specifikat.  Fil-fehma tal-Qorti, l-agir malizzjuz tal-attur jammonta ghal dan id-delitt almenu fuq livell ta' tentattiv skond il-ligi 'in materia'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut pro et nomine eccepixxa fil-meritu illi hu ma kkometta l-ebda malafama fil-konfront tal-attur izda irraporta dak li gie konness minn dan.

Illi, hawnhekk ghandha ssir referenza ghall-artikoli 2,3,11,28 u 12(1) tal-Kapitolu 248 citat fl-avviz.

Illi l-artikolu 3 jghid x'inhuma l-mezzi li bihom wiehed jista' ikkommetti l-att ta' malafama.  Dawn il-mezzi huma l-publikazzjoni jew distribuzzjoni ta' materja stampata.  Fuq din il-bazi jrid jigi pruvat illi l-konvenut irrenda disponibbli, ghal pubbliku u in generali permezz ta' stampar, il-materja li minnha qed jilmenta l-attur. Certament f'dan il-kaz, il-Qorti hi tal-fehma illi dak dikjarat mill-konvenut pro et nomine ma kienx dokument disponibbli ghall-pubbliku in generali izda ristretta ghall-Kummissjoni hawn fuq imsemmija.  Inoltre dak bil-miktub ma jistax bl-ebda mod

jigi konsiderat bhala materja stampata, kif definit fl-artikolu 2 tal-istess ligi. Ghalhekk fuq din il-bazi, jidher car li t-talba in esami ma tistax tigi akkolta.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess ma hemmx il-htiega li l-Qorti tesplora jekk, fil-kaz in esami jinkwadra ruhu fl-artikolu 12 ibid ossija l-eccezzjoni ta' gustifikazzjoni u prova tal-fatti. Pero jinghad 'obiter' li dan il-kaz jista' jidhol fl-ambitu ta' dan l-artikolu peress li l-konvenut pro et nomine, kif jidher mill-eccezzjoni in esami ma assumiex ir-responsabilita tal-allegata malafama. Filfatt fl-istess eccezzjoni hu ddikjara li l-kliem uzat ma kienx malafamanti waqt li, xorta wahda sostna li rraporta dak li l-attur ikkometta fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat

Illi tenut kont ta' dak premess, il-Qorti thoss li t-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha jithallsu mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------